2024/2194

5.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2194

tal-4 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1991 fir-rigward ta' bidliet amministrattivi u minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Novembru 2020, ingħatat awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0023656-0000 lil Schülke & Mayr GmbH għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "perform IPA" permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1991 ([2]). L-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott ("SPC") għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([3]) jipprevedi r-regoli proċedurali għall-kategoriji differenti ta' bidliet imsemmija fl-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Malli tirċievi opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") dwar applikazzjoni minn detentur ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, li titlob biex tinbidel kwalunkwe informazzjoni sottomessa fl-applikazzjoni inizjali għall-awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 jew, fejn rilevanti, tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, għadhomx issodisfati u jekk hemmx il-ħtieġa li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jiġu emendati.

(3) Fl-20 ta' Diċembru 2021, Schülke & Mayr GmbH issottomettiet lill-Aġenzija notifika ta' bidliet amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, irreġistrati fir-reġistru għall-prodotti bijoċidali ("ir-Reġistru") bin-numru tal-każ BC-AB072184-64, u applikazzjoni għal bidla minuri f'konformità mal-Artikolu 12(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, irreġistrata fir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-SN072185-20, lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA". Fir-rigward tal-bidliet amministrattivi, Schülke & Mayr GmbH innotifikat bidla fid-dettalji amministrattivi ta' tnejn mill-formulaturi tal-prodott, iż-żieda ta' ħames formulaturi tal-prodott, iż-żieda ta' isem kummerċjali fit-taqsima meta-SPC 1 tal-SPC u t-tneħħija ta' dikjarazzjoni li l-prodotti jistgħu jintużaw fi kmamar nodfa tal-klassi A/B fit-taqsimiet meta-SPC 1 sa 6 tal-SPC. Rigward il-bidla minuri, Schülke & Mayr GmbH applikat għal bidla fil-firxa tad-daqsijiet tal-pakkett (ilkoll għat-taqsimiet meta-SPC 1 u 3 tal-SPC: estensjoni tal-firxa tad-daqsijiet tal-pakkett għall-kaxxetti minn 5-10 L sa 5-30 L, żieda ta' tankijiet HDPE ta' 200-220 L u żieda ta' kontenituri ta' 900-1000 L (IBC)).

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1991 tas-27 ta' Novembru 2020 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" (ĠU L 410, 7.12.2020, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1991/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4; ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj?locale=mt).

(4) Fl-1 ta' Frar 2023, Schülke & Mayr GmbH issottomettiet applikazzjoni lill-Aġenzija għal bidla minuri oħra fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, irreġistrata fir-Reġistru bin-numru tal-każ BC-NJ084251-38, għaż-żieda ta' talba għal spettru limitat ta' attività virucidali għall-użi kollha tat-tip ta' prodott 2 (diżinfettanti u algaċidi mhux maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin u l-annimali) fit-taqsimiet meta-SPC 1 sa 6 tal-SPC.

(5) Fil-11 ta' Frar 2022, l-Aġenzija ssottomettiet opinjoni ([4]) lill-Kummissjoni dwar il-bidliet amministrattivi nnotifikati lill-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA", f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali. L-opinjoni tikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 50(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ikunu għadhom issodisfati. Fis-7 ta' Marzu 2022, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni s-sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni li jkopri l-bidliet amministrattivi kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 11(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(6) Fl-10 ta' Ottubru 2023, l-Aġenzija ppreżentat l-opinjonijiet ([5]) tagħha lill-Kummissjoni dwar iż-żewġ applikazzjonijiet għal bidliet minuri fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA", f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, flimkien ma' sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali u rapport ta' valutazzjoni rivedut li jikkonkludi li l-bidliet proposti huma bidliet minuri f'konformità mal-Artikolu 50(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u kif speċifikat fit-Titolu 2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013, u li wara l-implimentazzjoni tal-bidliet, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għadhom issodisfati.

(7) Fl-10 ta' Novembru 2023, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni s-sommarju rivedut tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali tal-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni li jkopru l-bidliet amministrattivi u minuri kollha li saret applikazzjoni għalihom, f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013.

(8) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk tqis li huwa xieraq li tiġi emendata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "perform-IPA" biex tintroduċi l-bidliet amministrattivi u minuri mitluba minn Schülke & Mayr GmbH.

(9) Ħlief għall-emendi rigward il-bidliet amministrattivi u minuri, l-informazzjoni l-oħra kollha inkluża fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ta' "perform-IPA" kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1991 tibqa' l-istess.

(10) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċarezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-utenti u tal-partijiet interessati għall-verżjoni konsolidata finali tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali li għandha tiġi ppubblikata mill-Aġenzija, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1991 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1991 jiġi emendat skont dan,

([4]) ECHA Opinion on the administrative change of the Union authorisation of the biocidal product family: perform-IPA of 11 February 2022, Opinion N° UAD-C-1560029-43-00/F, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

([5]) Biocidal Products Committee (BPC) opinion on the minor change to the Union authorisation of the biocidal product family 'perform-IPA', l-10 ta' Ottubru 2023, ECHA/BPC/397/2023 u BPC opinion on the minor change to the Union authorisation of the biocidal product family 'perform-IPA', l-10 ta' Ottubru 2023, ECHA/BPC/400/2023, https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1991 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

perform-IPA

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0023656-0000

Numru tal-assi R4BP EU-0023656-0000

Part I.

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

Chapter 1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

Isem	perform-IPA

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Schuelke & Mayr GmbH
	Indirizz	Robert-Koch-Str. 2 22851 Norderstedt DE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0023656-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0023656-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Is-27 ta' Diċembru 2020.	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-30 ta' Novembru 2030.	

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Schülke & Mayr GmbH
Indirizz tal-manifattur	Robert-Koch-Str. 2 22851 Norderstedt Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Schülke & Mayr GmbH site 1 Robert-Koch-Str. 2 22851 Norderstedt Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BOCHEMIE a.s.
Indirizz tal-manifattur	Lidická 326 735 95 Bohumín Iċ-Ċekja
Post ta' siti ta' manifattura	BOCHEMIE a.s. site 1 Lidická 326 735 95 Bohumín Iċ-Ċekja

Isem tal-manifattur	Imeco
Indirizz tal-manifattur	Am Sägewerk 10 63773 Goldbach Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Imeco site 1 Boschstr. 5 63768 Hösbach Il-Ġermanja Imeco site 2 Neue Straße 2-4 09471 Köningswalde Il-Ġermanja Imeco site 3 Am Gansberg 9 09481 Elterlein Il-Ġermanja Imeco site 4 ul.Wlo'kiennicza 10 59-800 Luban Il-Polonja

Isem tal-manifattur	Tristel Solutions Limited
Indirizz tal-manifattur	Lynx Business Park, Fordham Road, Snailwell CB8 7NY Cambridgeshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Tristel Solutions Limited site 1 Lynx Business Park, Fordham Road, Snailwell CB8 7NY Cambridgeshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Techtex
Indirizz tal-manifattur	Units 7&8 Rhodes Bus. Park Silburn Way M24 4NE Middleton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	Techtex site 1 Units 7&8 Rhodes Bus. Park Silburn Way M24 4NE Middleton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	A.F.P. GmbH
Indirizz tal-manifattur	Otto Brenner Straße 16 21337 Lüneburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	A.F.P. GmbH site 1 Otto Brenner Straße 16 21337 Lüneburg Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Innovate GmbH
Indirizz tal-manifattur	Gewerbegebietsstraße 30 06618 Schönburg Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Innovate GmbH site 1 Gewerbegebietsstraße 30 06618 Schönburg Il-Ġermanja Innovate GmbH site 2 Keizersveld 99 5803 AP Venray In-Netherlands

Isem tal-manifattur	Lysoform Dr. Hans Rosemann GmbH
Indirizz tal-manifattur	Kaiser-Wilhelm-Straße 133 12247 Berlin Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Lysoform Dr. Hans Rosemann GmbH site 1 Kaiser-Wilhelm-Straße 133 12247 Berlin Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Sterisol AB
Indirizz tal-manifattur	Kronoängsgatan 3 592 23 Vadstena L-Iżvezja
Post ta' siti ta' manifattura	Sterisol AB site 1 Kronoängsgatan 3 592 23 Vadstena L-Iżvezja

Isem tal-manifattur	Rudolf Dankwardt GmbH
Indirizz tal-manifattur	Gutenbergring 50-52 22848 Norderstedt Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Rudolf Dankwardt GmbH site 1 Gutenbergring 50-52 22848 Norderstedt Il-Ġermanja Rudolf Dankwardt GmbH site 2 Lagerstr. 15 19249 Jessenitz - Werk / Lübtheen Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	BIOXAL SA
Indirizz tal-manifattur	ZI Sud Secteur A, Route des Varennes 71100 Chalon sur Saône Franza
Post ta' siti ta' manifattura	BIOXAL SA site 1 ZI Sud Secteur A, Route des Varennes 71100 Chalon sur Saône Franza

Isem tal-manifattur	Lichtenheldt GmbH
Indirizz tal-manifattur	Industriestrasse 7-9 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Lichtenheldt GmbH site 1 Industriestrasse 7-9 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja Lichtenheldt GmbH site 2 Justus-Liebig-Weg 1 23812 Wahlstedt Il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	NATURELLE CONSUMER PRODUCTS LTD
Indirizz tal-manifattur	Unit 5 Bankmore Way, East industrial Park, BT79 ONZ Doogary, Omagh, Co. Tyrone Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	NATURELLE CONSUMER PRODUCTS LTD site 1 Unit 5 Bankmore Way, East industrial Park, BT79 ONZ Doogary, Omagh, Co. Tyrone Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

Isem tal-manifattur	Halag Chemie AG
Indirizz tal-manifattur	Weiernstrasse 30 8355 Aadorf L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Halag Chemie AG site 1 Weiernstrasse 30 8355 Aadorf L-Iżvizzera

Isem tal-manifattur	PDI (EMEA) Ltd
Indirizz tal-manifattur	Pywell Rd Willowbrook East Industrial Estate NN17 5XJ Corby Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Post ta' siti ta' manifattura	PDI (EMEA) Ltd site 1 Pywell Rd Willowbrook East Industrial Estate NN17 5XJ Corby Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Ineos Solvents Germany GmbH (li qabel kienet Sasol)
Indirizz tal-manifattur	Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Ineos Solvents Germany GmbH (li qabel kienet Sasol) site 1 Römerstraße 733 47443 Moers Il-Ġermanja Ineos Solvents Germany GmbH (li qabel kienet Sasol) site 2 Shamrockstr. 88 44643 Herne Il-Ġermanja

Sustanza attiva	Propan-2-ol
Isem tal-manifattur	Shell Chemicals Europe B.V.
Indirizz tal-manifattur	Postbus 2334 3000 CH Rotterdam In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Shell Chemicals Europe B.V. site 1 Shell Nederland Raffinaderij B.V., Vondelingenweg 601 3196 KK Rotterdam-Pernis In-Netherlands

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	63,1 - 63,1 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	Kull likwidu ieħor (AL), lest biex jintuża Kull likwidu ieħor (AL), lest biex jintuża, wipes imxappa b'formulazzjoni ta' diżinfezzjoni

Part II.

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

Chapter 1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: meta SPC 1 perform IPA liquid

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	63,1 - 63,1 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	Kull likwidu ieħor (AL), lest biex jintuża

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P233: Żomm il-kontenitur magħluq sew. P240: Poġġi mal-art u waħħal il-kontenitur u t-tagħmir li jirċievi. P241: Uża tagħmir tal-elettriku/ventilazzjoni/dawl li jiflaħ għal splużjoni. P242: Uża għodod li ma jtajrux żnied. P243: Ħu azzjonijiet sabiex tipprevjeni l-ħruġ ta' elettriku statiku. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P261: Evita li tibla' bin-nifs sprej. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib jekk tħossok ma tiflaħx. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/attention. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/attention. P370+P378: F'każ ta' nar: Uża raġħwa reżistenti għall-alkoħol, dijossidu tal-karbonju jew raxx tal-ilma għat-tifi. P403+P235: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm frisk. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-l-kontenut fi /il-kontenitur f'impjant tar-rimi tal-iskart approvat.

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

Diżinfezzjoni ta' superfiċje - traxxix

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: virus (attività viruċidali bi spettru limitat) Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superfiċji nodfa mhux poruż bħal superfiċji ta' xogħol żgħar f'żoni mediċi u mhux mediċi
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Traxxix Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jiġi sprejjat direttament fuq is-superficje
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Lest biex jintuża. M'għandekx tapplika aktar minn 25 ml/m^2. Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont il-proċedura operattiva standard (SOP, standard operating procedure).
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun: 250-1000 ml materjal tal-imballaġġ: polietilena ta' densità għolja (HDPE, high-density polyethylene), surlyn/polypropilena (PP) il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, polyoxymethylene (POM), polietilena ta' densità baxxa (LDPE, low-density polyethylene), HDPE, polyethylene (PE), ethylene-vinyl acetate (EVA), azzar inossidabbli, polybutylene terephthalate (PBT), (LD)PE, exp. polytetrafluoroethylene (PTFE), polietilena ta' densità lineari baxxa (LLDPE, linear low density polyethylene), PE mwassa' (EXPPE, expanded PE), Co Polimeru PP kanister: 5-30 l materjal tal-imballaġġ: HDPE. il-materjal tal-għeluq huwa jew: HDPE/LDPE Revolver BAG: 1 l materjal tal-imballaġġ: EVA il-materjal tal-għeluq: PP/Silikonu/EVA tanbur: 200-220 l materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP IBC: 900-1000 l materjal tal-imballaġġ: HDPE b'qafas tal-azzar il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, HDPE

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Raxxax il-prodott lest biex jintuża fuq is-superfiċe u ħallih jagħmel effett f'temperatura ta' 20± 2°C għal mill-inqas minuta (attività batteriċida u fermentattiva) jew 2 minuti (attività viruċidali bi spettru limitat).

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-miżura ta' mitigazzjoni għar-riskju persunali li ġejja tista' tiġi applikata bħala proċedura għall-mili mill-ġdid għajr meta tista' tiġi sostitwita b'miżuri tekniċi u/jew organizzattivi: Uża protezzjoni għall-għajnejn waqt l-immaniġġar tal-prodott.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 2.

Diżinfezzjoni ta' superfiċje - imsieħ

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: virus (attività viruċidali bi spettru limitat) Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superfiċji nodfa mhux poruži bħal superfiċji ta' xogħol żgħar f'żoni mediċi u mhux mediċi
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott irid jiġi mraxxax jew imferra' fuq is-superficje u jintmesaħ wara jew l-wipe tixxarrab bit-traxxix jew billi jitferra' l-prodott u wara l-prodott għandu jintmesaħ fuq is-superfiċje.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Lest biex jintuża. M'għandekx tapplika aktar minn 25 ml/m^2. Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont l-SOP.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun: 250-1000 ml materjal tal-imballaġġ: HDPE, surlyn/PP il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, POM, LDPE, HDPE, PE, EVA, azzar inossidabbli, PBT, (LD)PE, exp. PTFE, LLDPE, EXPPE, Co Polymer PP. kanister: 5-30 l materjal tal-imballaġġ: HDPE. il-materjal tal-għeluq huwa jew: HDPE/LDPE Revolver BAG: 1 l materjal tal-imballaġġ: EVA il-materjal tal-għeluq: PP/Silikonu/EVA. tanbur: 200-220 l materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP IBC: 900-1000 l materjal tal-imballaġġ: HDPE b'qafas tal-azzar il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, HDPE

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Raxxax jew ferra l-prodott lest biex jintuża fuq is-superfiċje u msaħ wara jew xarrab wipe bil-prodott lest biex jintuża billi traxxax jew tferra u wara timsaħ is-superfiċje. Ħallih jagħmel effett f'temperatura ta' 20 ± 2°C għal mill-inqas 5 minuti (attività batteriċida, fermentattiva u attività viruċidali bi spettru limitat).

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-miżura ta' mitigazzjoni għar-riskju persunali li ġejja tista' tiġi applikata bħala proċedura għall-mili mill-ġdid għajr meta tista' tiġi sostitwita b'miżuri tekniċi u/jew organizzattivi: Uża protezzjoni għall-għajnejn waqt l-immaniġġar tal-prodott.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 3.

Diżinfezzjoni ta' superfiċji b'ikel u kuntatt mal-ikel - traxxix

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Virus Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superficje nodfa mhux porużi bħal fil-kċejjen u l-industrija tal-ikel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: sprejjar Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jiġi sprejjat direttament fuq is-superficje.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Lest biex jintuża. M'għandekx tapplika aktar minn 25 ml/m^2. Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont l-SOP.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun: 250-1000 ml materjal tal-imballaġġ: HDPE, surlyn/PP il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, POM, LDPE, HDPE, PE, EVA, azzar inossidabbli, PBT, (LD)PE, exp. PTFE, LLDPE, EXPPE, Co Polymer PP. kanister: 5-30 l materjal tal-imballaġġ: HDPE. il-materjal tal-għeluq huwa jew: HDPE/LDPE

	Revolver BAG: 1 l materjal tal-imballaġġ: EVA il-materjal tal-għeluq: PP/Silikonu/EVA. tanbur: 200-220 l materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP IBC: 900-1000 l materjal tal-imballaġġ: HDPE b'qafas tal-azzar il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, HDPE

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Raxxax il-prodott lest biex jintuża fuq is-superfiċe u ħalli sabiex jagħmel effett fit-temperatura tal-kamra (20± 2°C) għal mill-inqas minuta (attività batterjoċidali u fermentattiva) jew 2 minuti (attività viruċidali).

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-miżura ta' mitigazzjoni għar-riskju persunali li ġejja tista' tiġi applikata għal diżinfezzjoni ta' inġenji tal-proċessar tal-ikel u proċedura tal-mili mill-ġdid għajr meta tista' tiġi sostitwita b'miżuri tekniċi u/jew organizzattivi: Uża protezzjoni għall-għajnejn waqt l-immaniġġar tal-prodott.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 4.

Diżinfezzjoni ta' superfiċji b'ikel u kuntatt mal-ikel - imsieħ

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: -

	Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Virus Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superficje nodfa mhux porużi bħal fil-kċejjen u l-industrija tal-ikel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott irid jiġi mraxxax jew imferra' fuq is-superficje u jintmesaħ wara jew l-wipe tixxarrab bit-traxxix jew billi jitferra' l-prodott u wara l-prodott għandu jintmesaħ fuq is-superfiċje.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Lest biex jintuża. M'għandekx tapplika aktar minn 25 ml/m^2. Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont l-SOP.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Flixkun: 250-1000 ml materjal tal-imballaġġ: HDPE, surlyn/PP il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, POM, LDPE, HDPE, PE, EVA, azzar inossidabbli, PBT, (LD)PE, exp. PTFE, LLDPE, EXPPE, Co Polymer PP. kanister: 5-30 l materjal tal-imballaġġ: HDPE. il-materjal tal-għeluq huwa jew: HDPE/LDPE Revolver BAG: 1 l materjal tal-imballaġġ: EVA il-materjal tal-għeluq: PP/Silikonu/EVA. tanbur: 200-220 l

	materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP IBC: 900-1000 l materjal tal-imballaġġ: HDPE b'qafas tal-azzar il-materjal tal-għeluq huwa jew: PP, HDPE

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Raxxax l-prodott lest biex jintuża fuq is-superfiċje u msaħ wara jew xarrab wipe bil-prodott lest biex jintuża billi traxxax jew tferra u wara timsaħ is-superfiċje. Ħalli sabiex jieħu effett għal mill-inqas 5 minuti f'temperatura tal-kamra (20± 2°C).

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-miżura ta' mitigazzjoni għar-riskju persunali li ġejja tista' tiġi applikata għal diżinfezzjoni ta' inġenji tal-proċessar tal-ikel u proċedura tal-mili mill-ġdid għajr meta tista' tiġi sostitwita b'miżuri tekniċi u/jew organizzattivi: Uża protezzjoni għall-għajnejn waqt l-immaniġġar tal-prodott.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

Chapter 5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Naddaf is-superfiċje sew qabel tużaha.

Neħħi l-ilma żejjed minn fuq is-superfiċje qabel id-diżinfezzjoni, jekk ikun xieraq.

M'għandekx tapplika aktar minn 25 ml/m^2.

Kun żgur li xxarrab l-uċuħ sew.

Wipes użati għandhom jintremew f'reċipjent magħluq.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Il-prodott għandu jiġi applikat biss għal diżinfezzjoni ta' superfiċji żgħar.

Aċċerta ventilazzjoni adegwata biex tiġi evitata formazzjoni ta' atmosferi splussivi.

Evita l-kuntatt ma' l-għajnejn.

Applika lembut biex timla mill-ġdid.

Żomm fejn ma jistax jintlaħaq mit-tfal u l-annimali domestiċi.

Żomm it-tfal u l-annimali domestiċi lil hinn minn kmamar fejn qed issir d-diżinfezzjoni. Ipprovdi ventilazzjoni xierqa qabel mat-tfal u l-annimal domestiċi jidħlu fi kmamar trattati. Dan ma japplikax għal kmamar ta' pazjenti fi sptarijiet.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

L-ewwel għajnuna:

F'każ ta' inċident: Sejjaħ ċentru tal-avvelenamenti jew tabib.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Qiegħed lill-persuna għall-arja friska f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs.

F'każ ta' kuntatt mal-ġilda: Aħsel bl-ilma. Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ. Jekk l-irritazzjoni ta' l-għajnejn tippersisti: Ikkonsulta tabib.

JEKK JINBELA': Ikkuntattja ĊENTRU TA' L-AVVELENAMENT jew tabib jekk tħossok ma tiflaħx.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

-

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ħajja kemm idum tajjeb il-prodott fuq l-ixkaffa: 36 xahar

Żomm il-kontenitur magħluq sew.

Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba.

Ipproteġi mid-dawl tax-xemx.

Żomm fit-temperatura tal-kamra fil-kontenitur oriġinali.

Chapter 6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Il-prodott fih il-propan-2-ol (Nru CAS: 67-63-0), li għalih Valur ta' Referenza Ewropew ta' 129,28 mg/m³ għall-utent professjonali kien miftiehem u użat għall-valutazzjoni tar-riskju tal-prodott.

Chapter 7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali	perform® sterile alcohol IPA	qasam tas-suq: UE
	perform® classic alcohol IPA	qasam tas-suq: UE
	buraton® IPA	qasam tas-suq: UE
	perform® advanced alcohol IPA	qasam tas-suq: UE
	arcana® IPA	qasam tas-suq: UE
	clear IPA	qasam tas-suq: UE
	pure IPA	qasam tas-suq: UE
	disinfectant IPA	qasam tas-suq: UE
	Surface disinfection liquid classic	qasam tas-suq: UE
	sterile IPA	qasam tas-suq: UE
	mikrozid® sterile liquid	qasam tas-suq: UE
	Surface disinfection liquid sterile	qasam tas-suq: UE
	BTS 6000	qasam tas-suq: UE

	Halades Alco		qasam tas-suq: UE		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0023656-0001 1-1				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	63,1 % (w/w)

Chapter 1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: meta SPC 2 perform wipes IPA

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Dižinfettanti u alġaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

Chapter 2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Propan-2-ol		sustanza attiva	67-63-0	200-661-7	63,1 - 63,1 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	Kull likwidu ieħor (AL), lest biex jintuża, wipes imxappa b'formulazzjoni ta' dižinfezzjoni

Chapter 3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H225: Likwidu u fwar li jaqbdu malajr. H319: Jagħmel irritazzjoni serja għall-għajnejn. H336: Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. EUH066: Esponiment ripetut tista' tikkaġuna nxif jew qsim tal-ġilda.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx. P233: Żomm il-kontenitur magħluq sew. P240: Poġġi mal-art u waħħal il-kontenitur u t-tagħmir li jirċievi. P241: Uża tagħmir tal-elettriku/ventilazzjoni/dawl li jiflaħ għal splużjoni. P242: Uża għodod li ma jtajrux żnied. P243: Ħu azzjonijiet sabiex tipprevjeni l-ħruġ ta' elettriku statiku. P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar. P261: Evita li tibla' bin-nifs sprej. P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib jekk thossok ma tiflaħx. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/attention. P337+P313: If eye irritation persists: Get medical advice/attention. P370+P378: F'każ ta' nar: Uża raġħwa reżistenti għall-alkoħol, dijossidu tal-karbonju jew raxx tal-ilma għat-tifi. P403+P235: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm frisk. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-l-kontenut fi /il-kontenitur f'impjant tar-rimi tal-iskart approvat.

Chapter 4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 1.

Diżinfezzjoni ta' superfiċje - imsieħ

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: virus (attività viruċidali bi spettru limitat) Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superfiċji nodfa mhux poruż bħal superfiċji ta' xogħol żgħar f'żoni mediċi u mhux mediċi
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jiġi mimsuħ direttament fuq is-superficje.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Wipes lesti biex jintużaw Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont l-SOP.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Pakkett artab: 1-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: LDPE/Alu/PET; LDPE/PET; polipropilene orjentat biassalment (BOPP, biaxially oriented polypropylene) + polipropilene ikkastjat (CPP, cast polypropylene) Borża: 10-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: LDPE/PET Tubu: 50-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew PP, PE3385

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ixxotta sew is-superfiċje bil-wipe u ħalli jagħmel effett f'temperatura ta' 20 ± 2°C għal mill-inqas 5 minuti (attività batteriċida, fermentattiva u attività viruċidali bi spettru limitat).

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Table 2.

Diżinfezzjoni ta' superfiċji b'ikel u kuntatt mal-ikel - imsieħ

Tip ta' prodott	PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: Bakterja Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Ħmira Isem komuni: - Istadju iżvilupp: - Isem xjentifiku: Virus Isem komuni: - Istadju iżvilupp: -
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Diżinfezzjoni ta' superficje nodfa mhux porużi bħal fil-kċejjen u l-industrija tal-ikel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Imsieħ Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott jiġi mimsuħ direttament fuq is-superficje.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Wipes lesti biex jintużaw Dilwizzjoni (%): - Numru u ħin tal-applikazzjoni: Diżinfezzjoni wara kull proċess ta' produzzjoni u tindif jew meta meħtieġ skont l-SOP.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Pakkett artab: 1-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: LDPE/Alu/PET; LDPE/PET; BOPP+CPP Borża: 10-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: LDPE/PET Tubu: 50-200 wipes Materjal tal-imballaġġ: HDPE il-materjal tal-għeluq huwa jew PP, PE3385

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ixxotta sew is-superficje bil-wipe u ħalli sabiex jagħmel effett għal mill-inqas 5 minuti f'temperatura tal-kamra (20± 2°C).

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

